



20.11.2009

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0600/2009, imressqa minn Karen u David Hill, ta' nazzjonalità Britannika, dwar informazzjoni inadegwata u żbaljata minn SOLVIT UK u Spanja, u l-fastidju u l-intimidazzjoni mill-awtoritajiet doganali Spanjoli**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti jressqu lment kontra SOLVIT UK u Spanja u l-awtoritajiet doganali Spanjoli. Huma għandhom negozju żgħir li jassisti lill-proprietarji tat-tieni dar fil-Gżejjer Kanarji fit-trasport ta' oġġetti personali tagħhom (vetturi, possedimenti, animali domestiċi). Fil-Ħarifa tal-2008, wara ħafna vjaġġi bla problemi, huma kellhom waħda mill-vetturi tat-trasport sekwestrata fuq il-bażi li kienet daħlet fil-Kanarji spiss wisq u issa kien jeħtieġ li tkun impurtata u suġġetta għall-ħlas tad-dazju. Il-petizzjonanti kienu sussegwentement mogħtija informazzjoni kontradittorja minn SOLVIT UK u Spanja, kif ukoll mill-awtoritajiet doganali Spanjoli. Huma kienu wkoll mhedda u intimidati mill-awtoritajiet doganali Spanjoli. Wara 6 xhur u ġurnata, il-vettura tagħhom għiet rilaxxata. Sadanittant, in-negożju tagħhom falla.

### 2. Ammissibilità

Tiġi ddikjarata ammissibbli fid-9 ta' Settembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli tal-Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-20 ta' Novembru 2009.

#### *Il-petizzjoni*

Il-petizzjonanti jressqu lment kontra SOLVIT UK u Spanja u l-awtoritajiet doganali Spanjoli. Huma għandhom negozju żgħir li jassisti lill-proprietarji tat-tieni dar fil-Gżejjer Kanarji fit-trasport ta' oġġetti personali tagħhom (vetturi, possedimenti, animali domestiċi). Fil-Ħarifa

tal-2008, wara ħafna vjaġġi bla problemi, huma kellhom waħda mill-vetturi tat-trasport sekwestrata fuq il-bażi li kienet daħlet fil-Kanarji spiss wisq u issa kien jeħtieġ li tkun impurtata u suġġetta għall-ħlas tad-dazju. Il-petizzjonanti kienu sussegwentement mogħtija informazzjoni kontraditorja minn SOLVIT UK u Spanja, kif ukoll mill-awtoritajiet doganali Spanjoli. Huma kienu wkoll mhedda u intimidati mill-awtoritajiet doganali Spanjoli. Wara 6 xħur u ġurnata, il-vettura tagħhom ġiet rilaxxata. Sadanittant, in-negozju tagħhom falla.

Kmieni fl-1988 u l-1993 kien hemm żewġ każijiet ta' fastidju mill-uffiċjali doganali Spanjoli.

#### *Il-Kummenti tal-Kummissjoni*

Il-petizzjonanti qed jilmentaw kontra SOLVIT u kontra l-mod kif ittrattawhom l-awtoritajiet doganali Spanjoli.

#### Rigward l-ilment kontra SOLVIT

L-ilment mill-Blue Flag Transport ġie rreġistrat fil-bażi ta' dejta ta' SOLVIT fl-20 ta' Ottubru 2008 minn SOLVIT UK u ġie trasferit għaċ-ċentru ta' SOLVIT Spanja, fejn okkorriet il-problema. SOLVIT UK ipprovda evalwazzjoni legali tal-każ ibbażata fuq l-informazzjoni mogħtija minn min qed jilmenta u talab lil SOLVIT Spanja biex jinvestiga għala l-vann u l-prodotti ġew ikkonfiskati mill-awtoritajiet doganali Spanjoli u biex isib soluzzjoni għall-problema.

Iċ-ċentru Spanjol ta' SOLVIT ikkuntattja l-awtoritajiet doganali u ġie informat li l-ġustifikazzjoni għall-konfiska tal-vann u l-kontenut tiegħu kienet allegata dikjarazzjoni doganali falza magħmula mill-persuna li lmentat. SOLVIT Spanja għalhekk ikkonkluda li l-liġi tal-UE kienet applikata ħażin u spjega x'kellhom jagħmlu dawk li lmentaw biex jieħdu lura l-prodotti u l-vann.

SOLVIT UK informa lill-klijenti dwar ir-riżultat u l-passi li għandhom jittieħdu skont iċ-ċentru Spanjol SOLVIT. Madankollu, dawk li lmentaw ikkонтestaw l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali Spanjoli u ma qablux mar-riżultat tal-proċedura ta' SOLVIT. Ma ġarġu l-ebda riżultati oħra mill-kuntatti addizzjonali bejn SOLVIT UK u SOLVIT Spanja ladarba SOLVIT bħala netwerk informali la għandha s-setgħa u lanqas il-mezzi biex tagħmel investigazzjonijiet meta l-fatti ta' każ iku n-kontestati, bħalma ġara f'dan il-każ. Dan ġie spjegat lil dak li lmenta u l-każ ingħalaq f'SOLVIT fit-3 ta' Diċembru 2008.

Għandu jiġi enfasizzat li SOLVIT muhiex entità tal-UE b'setgħat formali biex jiddeċiedi leġiżlazzjoni tal-UE. Huwa netwerk ta' koperazzjoni volontarja stabbilita bejn amministrazzjonijiet nazzjonali biex isolvi problemi informali, għaċ-ċittadini u n-negozji, li jirriżultaw minn applikazzjoni ħażina tal-liġi tas-suq intern mill-awtoritajiet pubbliċi. Huwa twaqqaq fl-2002 fuq il-bażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (2001/893/KE). Iċ-ċentri SOLVIT m'għandhom l-ebda setgħa formali. Iċ-ċentri SOLVIT jinsabu fi ħdan amministrazzjonijiet nazzjonali u jaqgħu taħt ir-responsabilità diretta tal-gvernijiet nazzjonali. L-irwol tal-Kummissjoni Ewropea huwa li jiffaċilita l-funzjonament tan-netwerk.

F'ħafna każijiet, din il-koperazzjoni informali SOLVIT twassal għal soluzzjoni rapida tal-problema li, li kieku wieħed joqgħod jimxi mal-proċeduri formali, jieħu ħafna aktar fit-tul.

Sfortunatament hemm ukoll każijiet li ma jistgħux jissolvew informalment, pereżempju meta jkunu diġà nbdew proċeduri legali, meta awtorità nazzjonali tirrifjuta li tikkopera maċ-ċentru nazzjonali SOLVIT jew, bħal f'dan il-każ, meta jirriżulta li l-vera fatti ta' każ ikunu kkontestati mill-partijiet.

Il-websajt SOLVIT tispjega dawn ir-restrizzjonijiet u tistqarr li jekk wieħed jikkonsidra din in-natura formali ta' SOLVIT, dawk li jilmentaw mhumiex obbligati jaċċettaw is-soluzzjoni proposta u ma jistgħux jisfidaw is-soluzzjoni proposta formalment permezz ta' SOLVIT. Jekk ma jistgħux jaċċettaw is-soluzzjoni proposti, jistgħu jsegwu azzjoni legali permezz ta' qorti nazzjonali jew iressqu lment formali mal-Kummissjoni Ewropea. Dak li lmenta ġie infurmat dwar dawn l-għażliet permezz ta' SOLVIT UK.

### Rigward il-qofol tal-ilment

Is-servizzi tal-Kummissjoni kkuntattjaw lil SOLVIT Spanja fejn fittxew informazzjoni dwar il-qofol tal-każ. Minkejja l-fatt li l-informazzjoni rċevuta minn SOLVIT hija waħda ta' valur, jidher li, sabiex tiġi żgurata bis-sħiħ il-pożizzjoni tad-dwana Spanjola u tal-awtoritajiet tat-taxxa dwar il-qofol tal-każ, hemm bżonn ta' aktar kuntatti ma' dawk l-awtoritajiet.